# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


---

Minuti tas-seduta numru sebgħin (70) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru, 2010, fil-5:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Fistun tal-pjazza**

3. Is-Sindku ssospenda l-laqgħa sabiex jidħol l-electrician tal-kunsill. Dan ippreżenta biċċa qasira tal-fistun li ser jinxtara sabiex jitwaħħal fil-pjazza ta' Ħal Safi waqt żmien il-Milied. Għalkemm il-*holder* tal-bozza huwa *CE Certified* Francis Callus rimarka li l-*wire* mhux *CE Certified*. L-electrician qal li l-*wire* jiġi mal-*holder* tal-bozza u għalhekk ma jistax jinbidel. Il-Kunsilliera approvaw li l-Kunsill jixtri fistun minn dan it-tip u li jitwaħħal fil-pjazza. L-electrician ikkonferma wkoll li nhar it-tnejn li ġej jibda jarma t-tiżjin ta' żmien il-Milied fit-toroq. F'tliet t'ijiem ix-xogħol għandu jkun lest.

**Safi Youth Nursery**

4. Is-Sindku ssospenda il-laqgħa sabiex jidħlu żewġ membri mil-Klabb tal-futbol ta' Ħal Safi. Dan il-Klabb ġie iffurmat ftit ġimgħat ilu mill-ġenituri tat-tfal li jitħarrġu ma' Ħal Safi Youth Nursery. Huma wrew ix-xewqa li l-Kunsill jikkonsidra jkompli jħarreġ it-tfal fin-nursery tiegħu sa' l-eta ta' *under*-17. Dan il-klabb diġa għamel kuntatt ma' Father Hilary li huwa is-segretarju tal-Youth Section fl-MFA. Father Hilary ikkonferma verbalment li l-MFA lesta tilqa' t-talba tal-Kunsill sabiex nestendu l-eta' ta' kemm it-tfal jdumu jitħarrġu ma Safi Youth Nursery minn *under*-14 sa *under*-17 kemm il-darba l-Kunsill jintrabat li jagħmel garanzija li jħallas il-logħob tal-*league* u jieħu ħsieb jkompli jipprovdi it-taħriġ lil dawn it-tfal. Il-Kunsilliera spegaw li din it-talba diġa saret fil-passat

iżda qatt ma intlaqat għaliex l-MFA dejjem irrifjutat din it-talba. Is-SE intalab jagħmel kuntatt bil-miktub ma Father Hilary sabiex il-Kunsill jinforma ruħu dwar il-pożizzjoni ta' l-MFA u x'għandu jsir. Fuq talba tal-membri tal-Klabb, is-Sindku, f'isem il-Kunsilliera qal li l-Kunsill ser jagħmel dak kollu possibbli sabiex dawn it-tfal jkollhom grawnd tal-futbol ta' 11-*a-side* fl-aktar żmien qasir possibbli.

**Tender tal-kollezzjoni ta' l-iskart domestiku imħallat**

Il-Kunsilliera iddiskutew l-offerti li ġew sottomessi rigward l-kollezzjoni ta' skart domestiku imħallat. Wara li is-SE qara l-ittra ta' kjarifika minn wieħed mil-offerenti, l-Kunsilliera qablu li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi jagħżel l-offerta li ġabet l-iżjed punti fl-evalwazzjoni teknika u finanzjarja. B'hekk il-Kunsilliera aġġudikaw it-tender lis-Sur Joseph Żammit bil-kundizzjoni li dan jixtri truck ġdid Euro 3 jew aħjar f'żmien 5 xhur minn meta jingħata t-tender, hekk kif niżżel fl-offerta tiegħu.

**Punti mil-Minuti**

5. Is-Sindku rimarka li l-plakek ta' l-*istands* tat-tabelli informattivi mal-postijiet storiċi ingħataw is-silikon iżda xorta waħda baqgħu mżaqqa minn mal-pjanċa. Il-Kunsilliera qablu li dawn jinqalaw u jitwaħħlu b'iżjed viti.

6. Is-Sindku ikkonferma li x-xogħol fuq il-bankina f'Triq il-Kuċċard tlesta.

7. Eddie Bonello fakkar lil Kunsill sabiex nitolbu lil-perit tal-Kunsill jagħmel *traffic managent plan* għad-dħul tal-vetturi f'Ħal Safi minn Triq l-Ibraġ qabel mat-triq tal-Karwija tinfetaħ.

8. Eddie Bonello fakkar ukoll lill-Kunsill dwar is-sorveljanza fejn il-bring-in-site f'Triq ta' Ġawhar permezz ta' sistema CCTV. Il-Kunsilliera qablu li qed jkun hemm ħafna ħmieġ mitfuħ ħdejn l-iskips tal-bring-in-site. Francis Callus qal li huwa jemmen li dan l-aġir isir mir-residenti għaliex jaf li l-Kunsill mhux ser jressaq lil dawn il-persuni; minkejja huwa lest jidentifika u jirrapporta persuni li huwa qabad personalment jitfaw il-ħmieġ barra l-iskips. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni sabiex jinstalla sistema ta' CCTV f'dan il-post kif ukoll jinstalla *cameras* addizzjonali fuq il-latrina pubblika ta' ħdejn il-Kunsill għaliex hawn ukoll qed jkun hemm ħafna ħmieġ.

9. Dwar it-talba mis-Superjur tal-Mużew tat-tfal tas-Subien ta' Ħal Safi f'isem il-membri tal-qasam ta' Ħal Safi sabiex il-Kunsill jagħmel tisbiħ taż-żona ta' quddiem il-Mużew tas-Subien f'Triq San Tumas flimkien mal-bankina tat-triq kollha, il-Kunsilliera, wara li marru fuq il-post, iddeċidew li l-bankina, li saret sena ilu, hija fi stat tajjeb u għalhekk ma għandiex għalfejn tinqala u terġa issir. Il-Kunsilliera ddiskutew ukoll hekk għandux jitwaħħal xi tip ta' ilqugħ bħal bollards quddiem il-bieb tal-mużew sabiex jitnaqqas il-periklu tat-tfal li joħorġu jiġru mil-

bieb tal-mużew. Il-Kunsilliera qablu li jerġgħu imorru fuq il-post sabiex jaraw hekk hemmx post fejn din teħel għaliex hemm il-possibilta li dan it-tip ta' ilqugħ jagħlaq l-aċċess ta' garage.

10. Is-Sindku rimarka li l-Kunsilliera kellhom laqgħa illum fis-sagħtejn ta wara nofsinhar mal-Perit David Xuereb u mas-Sur Marco Abela, uffiċċjal fil-Malta Enterprise. Dawn spjegaw l-progress tal-proġett kif wkoll ikkonfermaw li t-triq il-ġdida tal-Karwija ser tkun lesta sa April 2011, kemm il-darba l-proġett ma jiltaqax ma problemi imprevisti.

11. Is-Sindku rimarka li qiegħed f'kuntatt mal-Perit ta' l-MRRA dwar ir-restawr tal-balavostri fuq iz-zuntier tal-knisja. Is-Sindku ikkonferma li dan il-proġett ser jkun iffinanzjat kollu kemm hu mil-fondi tal-Gvern. Eddie Bonello staqsa lis-Sindku jivverifika hekk il-materjal tal-balavostri hux ser jkunu taż-żonqor jew reinforced concrete.

12. Dwar il-kont ta' l-asfaltar rigward it-tarmak li ingħata mid-Dipartiment tal-Public Works mad-dawra tal-ġnien ta' Amparell, is-Sindku ikkonferma li qiegħed f'kuntatt mal-Perit tad-Dipartiment tal-Public Works sabiex jivverifikaw il-kont ta' l-asfaltar għaliex hekk kif iċċertifikat mill-perit tal-Kunsill, l-ammont ta asfaltar li intuża f'dan is-sit kien wieħed ferm inqas.

13. Is-Sindku evalwa l-applikazzjonijiet tal-kandidati eleġibbli mil-pooling system għal ħatra ta' segretarju eżekuttiv. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li wara li sar kuntatt ma l-applikanti eliġibli sabiex isiru l-interviews, dawn l-applikanti ma kienux interessati u rrifjutaw is-sejħa tal-kunsill.

14. Il-Kunsilliera ddiskutew l-applikazzjoni li l-Kunsill ser joħroġ għas-sejħa ta' ħatra ta' Assistent Prinċipal fi grad 11 mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Fl-applikazzjoni ser jintalbu l-kwalifiki meħtieġa għal skala 11 skond ir-regoli imniżżla fl-avviż legali 127 ta' 1998, Regolamenti Dwar Kunsill Lokali (Riżorsi Umani). Fuq parir tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsilliera qablu wkoll li titniżżel klawżola fejn tgħid li ser tingħata preferenza għal dawk l-applikanti li għandhom il-kwalifiki li huma rikjesti mil-Universita ta' Malta sabiex jkunu eliġibli jagħmlu degree in *Business Adminstration and/or Management*. B'hekk din il-persuna tkun tista taqdi il-ħtiġijiet tal-Kunsill aħjar. Is-SE ikkonferma li id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif wkoll l-ETC approvaw li toħroġ l-applikazzjoni għal-ħatra ta' Assistent Prinċipal f'skala 11 u l-Kunsill għandu kull dritt li jżid l-kwalifiki neċessarji. Eddie Bonello mhux qed jaqbel mal-mod ta' kif ser tkun maħruġa l-applikazzjoni izda qed jaċċetta abbażi tal-gwida li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment ikkonċernat. Huwa qal wkoll li fl-opinjoni tiegħu is-sejħa kellha issir b'mod differenti. Francis Callus rrimarka li huwa qed 'jbaxxi rasu għal gwida tad-Dipartiment.

**Korrispondenza**

15. Il-Kunsill irċieva ittra minn l-iskola Primarja San Benedittu ta' Ħal Safi sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill jerġgħu jimmarkaw s-sinjali tal-bitħa ta' l-iskola biż-żebgħa. Il-Kunsilliera approvaw li dan isir.

16. Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunita. Id-Dipartiment approva li l-Kunsill ta' Ħal Safi jingħatalu kopja taċ-ċwievet ta' l-uffiċċju tad-day care centre. Dawn għandhom ikunu ġo envelop issiġillat fl-uffiċju tas-Sindku.

17. Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward Memo 118/2010, Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra l-għeluq l-20 sena Ħidma tal-Vodafone. Id-dipartiment b'pjaċir informa lil-Kunsill li l-Bord ta' Evalwazzjoni approva l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-għajnuna finanzjarja fuq il-proġett ta' tisbieħ ta' Misraħ San Ġużepp. Għal dan il-għan il-Kumpanija Vodafone, li hija l-isponsor fuq din l-iskema, ser tkun fil-ġranet li ġejjin, qed tikkuntattja lil Kunsill sabieħ jiġi deċiż il-mod ta' kif ser jgħaddi l-ammont ta' €4,000 lil Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

18. Il-Kunsill irċieva e-mail minn għand Omar Schembri, il-Head Coach ta' Safi Youth Nursery. Il-coach informa lil Kunsill li huwa ġie avviċinat minn ġenitur ta' tifel li jattendi n-nursery fuq il-possibilita' ta' sponsorship ta' sett futbol kits għan-Nursery. L-isponsor huwa s-Sur Joe Farrugia (Farell Bathroom Centre, Żurrieq). Il-Kunsilliera iddiskutew din it-talba u minħabba li kien jidher li ma hemmx qbil unanimu, is-Sindku talab li l-approvazzjoni ta' dan l-isponsor tgħaddi għal vot. Eddie Bonello u Francis Callus ma sabux oġġezzjoni li nagħmlu reklami ta' Farell Bathroom Centre fuq il-flokkijiet tan-nursery bħala sponsor ta' Safi Youth Nursery. Is-Sindku, Publius Abdilla u Jerome Busuttil ma qablux li l-Kunsill jaċetta dan l-isponsor għaliex ma jixtiequx li tidħol il-politika fin-nursery, partikolarment għaliex il-persuna ikkonċernata hija politikament assoċjata. B'hekk il-maggornaza tal-Kunsilliera irrifjutat l-isponsor.

**Ħwejjeġ oħra**

19. Is-Sindku ippropona li fiż-Żmien il-Milied, il-Kunsill jagħmel ikla ir-Razzett l-Antik, Ħal Qormi. Id-data ta' l-ikla ser tiġi deċiża fil-laqgħa li jmiss.

20. Il-Kunsilliera diskutew ir-ritratt tal-faċċata tal-fuljett li jmiss joħroġ fil-ħarġa ta' Diċembru. Il-Kunsilliera qablu li jitpoġġa ritratt ta' Misraħ San Ġużepp.

21. **Il-Payment Approval** Sheet No. 63 ġiet approvata.

**Tender tal-kollezzjoni tal-bulky refuse**

22. Il-Kunsilliera diskutew l-offerti li ġew sottomessi għat-tender tal-kollezzjoni tal-*bulky refuse*. B'kollox kien hemm ħames offerenti. Fid-dokument tat-tender, il-Kunsill talab speċifikament ir-rata biex jipprovdi is-servizz ta' bulky refuse – *per collected item*. L-irħas offerent huwa is-Sur Claudio Anthony Aquilina. Kien hemm offerenti oħra li ikkwotaw prezz għola minn dak tas-Sur Aquilina iżda kitbu fil-offerta tagħhom li lesti jiġbru iżjed minn oġġett wieħed mingħajr ħlas addizzjonali hekk il-*pick up point* tkun minn l-istess dar. Minħabba li r-rata mitluba kienet dik ibbażata fuq l-offerta tas-servizz ta' bulky refuse – *per collected item.*

23. Il-Kunsilliera ddiskutew fit-tul dawn l-offerti iżda, minħabba li kien jidher li mhux ser jkun hemm qbil dwar l-aġġudikazzjoni, fl-għaxra Francis Callus ħareġ mil-laqgħa għaliex kien sar ħafna ħin. Peress li kien qabeż il-ħin stipulat mil-liġi ta' kemm iddum il-laqgħa, il-Kunsill ma kellux kworum u b'hekk il-laqgħa kellha tieqaf. L-aġġudikazzjoni tat-tender ġiet posposta għal-laqgħa li jmiss.

24. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 9 ta' Diċembru, 2010.

Approvati llum 09/12/2010

Sindku — Segretarju Eżekuttiv